TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Margaret Bongailas

vs

J.J. Scerri Co. Ltd

CCT 165/20/MM

Illum, 27 ta' Lulju 2021

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fit-12 ta' Novembru 2020 fejn talbet is-somma ta' mija u tmienja u sittin Ewro u għoxrin ċenteżmu (€ 168.20), prezz ta' magna tal-għaġina mixtrija mis-soċjeta' intimata.

Illi minkejja li s-soċjeta' intimata ġiet debitament notifkata, ma ppreżentatx risposta.

Ra l-atti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi rriżulta mill-provi li l-ilment tar-rikorrenti ma kienx li l-magna inkwistjoni kellha xi difett iżda li l-magna ma kienetx tesa' l-ammont kollu ta' għaġina li r-rikorrenti xtaqet tħallat fiha. Illi jirriżulta mill-korrispondenza li l-malinteża kienet fuq il-kejl meta r-rikorrenti bdiet tkejjel b'referenza għad-dqiq, filwaqt li r-rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, kif ukoll ir-riklam tal-istess magna u l-indikazzjoni tal-kaxxa nnifisha kienu qed

ikejjlu b'referenza għall-għaġina diġa maħduma, u għalhekk naturalment dan ifisser kapaċita' ta' volum konsiderevolment inqas.

Illi bil-ġurament tiegħu, ir-rappreżentant tas-soċjeta' intimata, Jacques Scerri jispjega kif huma kienu spjegaw u ggwidaw lir-rikorrenti fl-akkwist li għandha tagħmel għax-xewqa tagħha u kien hu minn jhedda li xtrat magna kompletament differenti b'varazzjoni konsiderevoli fil-prezz.

Illi Scerri jisħaq li saħansitra kien offra lir-rikorrenti li jieħu lura l-magna użata u jagħtiha donazzjoni lill-Istitut tas-sorijiet filwaqt li jirrifondi lura l-prezz lir-rikorrenti iżda bl-ebda mod huma ma setgħu jagħtu lir-rikorrenti l-magna superjuri li xtaqet hi bil-prezz tal-magna li hija kienet akkwistat.

Ikkunsidra

Illi huwa evidenti li r-rikorrenti qatt ma kienet żgwidata mis-soċjeta' intimata u dan jingħad għaliex preċedentement qabel ma seħħ il-bejgħ hija kienet talbet għall-informazzjoni bil-miktub permezz ta' *messenger* (dan jirriżulta minn Dok JJS 1) fejn hija kienet diretta sabiex għat-talba tagħha hija takkwista magna ta' ċertu tip bl-indikazzjoni tal-prezz li jidher kif indikat li, 'għandna differenti jibdew – Euro 219'. Illi għalhekk, ċertament meta r-rikorrenti marret fil-ħanut u għażlet liberament li takkwista prodott irħas, b'diskrepanza konsiderevoli fil-prezz kif indikat f'avviż tat-talba, ir-rikorrenti hija preżunta li fehemet li dan ma kienx l-istess prodott li kienet gwidata li takkwista u għalhekk issa ma tistax tibbenefika min-nuqqas tagħha.

Illi lanqas ma tista issa wara t-trepass taż-żmien ir-rikorrenti tippretendi li tiġi rifuża flusha lura u dan sempliċiment għaliex tħoss li dak iż-żmien kienet għamel għażla żbaljata fl-akkwist tagħha jew iktar minn hekk għaliex issa, u ċioe xhur wara, meta rċiviet il-fuljett tal-'January Super Sale' tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) intebħet li l-magna li diġa kienet akkwistat reġgħet raħset, allura hija għandha tiġi rifuża flusha lura.

Illi dan jingħad fl-isfond tal-fatt li hekk kif ġie kkonfermat mid-dokument preżentat mir-rikorrenti nnifisha mmarkat bħala Dok MB1, il-magna in kwistjoni ma hija milqugħta mill-ebda difett.

Għalhekk, it-Tribunal jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti fl-intier tagħha.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Martha Mifsud LL.D.
Arbitru